MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2008

Numru 794/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**Alexander Galea**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Alexander Galea, iben Joseph Mary u Victoria nee` Azzopardi, imwieled St. Julians fit-18 ta` Novembru, 1977 u residenti Block 4, Door C, Flat 21, Vjal in-Naspli, San Gwann u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 565877 (M) li gie imressaq quddiemha talli:-

F`dawn il-Gzejjer, f`Dicembru tas-sena 1999, Jannar tas-sena 2000 u fis-snin ta` wara, b`diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`risoluzzjoni wahda.

Approfitta ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna jew persuni ohra, minn somma ta` flus li globalment jilhqu l-ammont ta` Lm 240, liema somma ta` flus kienu jappartjenu lil Reuben Silvio u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta` flus jew li jsir uzu minnhom kif specifikat, u cioe` li jigu kkonsenjati lil kumpanija Mizzi Sea Insurance Limited li hija parti minn Middle Sea Insurance u dan bi ksur ta` l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2007 id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta’ hames snin in kwantu jirrigwarda l-akkuza odjerna.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuza tirreferi ghal allegat reat kontinwat kommess fil-perijodu bejn Dicembru 1999 u Jannar tas-sena 2000 u fis-snin ta’ wara. Mix-xhieda tal-Ispettur Ian Abdilla li tinsab inserita a folio 19 sa 21 tal-process izda jirrizulta li l-ahhar darba li seta’ sar l-allegat ksur tal-ligi kien f’Dicembru 2000. Skond gurisprudenza kostanti (ara f’dan ir-rigward sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri tal-14 ta’ Settembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bone***) f’kaz ta’ reat kontinwat, u fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat b’reat kontinwat, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta sar l-ahhar ksur tal-ligi.

Mill-atti jirrizulta li l-imputat gie notifikat bic-citazzjoni odjerna meta huwa deher ghas-seduta tas-27 ta’ April 2007. Ic-citazzjoni odjerna giet prezentata fis-7 ta’ Settembru 2005 izda mill-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Frar 2006 jirrizulta li l-imputat ma kienx ghadu gie notifikat bic-citazzjoni fl-imsemija data.

L-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' approprijazzjoni bla jedd kontemplat fl-Artikoli 293 u 294 tsl-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema reat jikkomporta piena karcerarja massima ta' sentejn. L-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijet ta' Malta jistabbilixxi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni ta' hames snin ghal delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' anqas minn erba' snin  u mhux anqas minn sena.

Jidher ghalhekk li l-azzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat permezz tal-kawza odjerna hija fil-fatt preskritta ai termini tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 stante li huwa gie notifikat bic-citazzjoni wara hames snin minn meta sar l-ahhar allegat ksur tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat u tiddikjara l-azzjoni odjerna bhala preskritta a tenur tal-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------